MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 376/2009

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Kurt Grima, iben Mario, imwieled Pieta' fis-17 ta' Frar, 1985, Karta ta' l-Identita numru 138785(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-22 ta' Lulju, 2007, bil-lejl, għal ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' fil-għodu u it-tlieta ta' fil-għodu, fil-Fgura, u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' CD player tal-marka Kenwood, bin-numru tas-serje mhux magħruf, u amplifier tal-marka JBL flimkien ma subwoofer tal-marka Kenwood, minn ġo vettura tal-marka Ford Escort Mark VI, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAA 442, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż il-

€232.93, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Daniel Said mill-Fgura;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Ford Escort Mark VI, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAA 442, liema ħsara hi ta’ anqas minn €23.29 għad-dannu ta’ Daniel Said mill-Fgura;

3. talli fit-22 ta’ Settembru, 2007, bil-lejl, għal ħabta ta’ bejn in-nofs siegħa ta’ fil-għodu u is-seba’ ta’ fil-għodu, fil-Qajjenza limiti ta’ Birżebbuġia, u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta’ CD player tal-marka Kenwood, bin-numru tas-serje mhux magħruf, u amplifier tal-marka JBL, flimkien ma basebox tal-marka JBL, minn ġo vettura tal-marka Vauxhall Nova, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 681, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż il-€232.93, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Trixon Minuti minn Birżebbuġia;

4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Vauxhall Nova, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 681, liema ħsara hi ta’ anqas minn €116.46 għad-dannu ta’ Trixon Minuti minn Birżebbuġia;

5. talli fl-4 ta’ Diċembru, 2007, għal ħabta ta’ bejn id-disgħa ta’ fil-għodu u il-ħamsa u nofs ta’ wara nofs in-nhar, fl-inħawi tal-bajja ta’ San Tumas, fil-limiti ta’ Marsaskala, u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta’ CD player tal-marka Clarion, bin-numru tas-serje mhux magħruf, stmat li jiswa madwar €174.70, minn ġo vettura tal-marka Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni TDI 017, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Caroline u Adrian Dingli mill-Imsida;

6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Opel Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni TDI 017, liema ħsara hi ta’ anqas minn €116.46 għad-dannu ta’ Caroline u Adrian Dingli mill-Imsida;

7. talli fl-24 ta’ Awwissu, 2008 għal ħabta ta’ bejn is-siegħa ta’ wara nofs in-nhar u l-erba’ u nofs ta’ wara nofs

in-nhar, fl-inħawi tal-bajja ta’ Delimara, u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta’ stereo tal-marka Kenwood, bin-numru tas-serje mhux magħruf, stmat li jiswa’ madwar €139.76 minn ġo vettura tal-marka Peugeot 206, bin-numru tar-reġistrazzjoni GLE 206, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Glenda Schembri miż-Żurrieq;

8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Peugeot 206, bin-numru tar-reġistrazzjoni GLE 206, liema ħsara hi ta’ aktar minn €116.46 iżda anqas minn €1,164.68 għad-dannu ta’ Glenda Schembri miż-Żurrieq;

9. talli fil-5 ta’ Ottubru, 2008 bil-lejl, għal ħabta ta’ bejn is-siegħa neqsin kwart ta’ fil-għodu u id-disgħa u nofs ta’ fil-għodu, fil-Fgura, u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta’ libsa ta’ kok kompluta stmata li tiswa madwar €50 minn ġo vettura tal-marka Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 163, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta’ Duncan Tabone minn Ħal-Lija;

10. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 163, liema ħsara hi ta’ aktar minn €116.46 iżda anqas minn €1,164.68 għad-dannu ta’ Duncan Tabone minn Ħal-Lija;

11. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

12. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat naqas li jgħarraf lill-pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta hekk sar jaf;

13. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-fatt li l-imputat ħallas dak kollu dovut lil Glenda Schembri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħdax l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 325 u 334A tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------